

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Botis u H. O'Neill, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Scor SE (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: T. de Haan u C. de Callataj, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Marzu 2019 (Każ R 1639/2018-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Scor u Scorisk.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Scorify UAB hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 246, 22.7.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2020 – Essential Export vs EUIPO – Shenzhen Liouyi International Trading (TOTU)

(Kawża T-633/19) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li allegatament tinkludi l-element verbali ‘TOTU’ u bil-kuluri aħmar u iswed – Trade marks tal-Unjoni Ewropea figurattivi preċedenti TOTTO – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2020/C 313/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Essential Export SA (San José, il-Kosta Rika) (rappreżentant: A. B. Padial Martínez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Hanne, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Shenzhen Liouyi International Trading Co. Ltd (Shenzhen, iċ-Ċina)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Lulju 2019 (Każ R 362/2019-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Essential Export u Shenzhen Liouyi International Trading.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Essential Export SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 383, 11.11.2019.